TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Rita Buhagiar

vs

SMS Mondial Ltd

CCT 172/16 MS

Illum, 20 ta Marzu 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fid-29 ta' Settembru 2016 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €1538.72 minghand is-socjeta' konvenuta, prezz ta' cruise ghall-sebat ijiem ghal zewg persuni minhabba inkonvenjent serju ta' nuqqas ta' rqad minhabba hsejjes abbord il-*cruise-liner*.

Ra r-riposta tas-socjeta' intimata ipprezentata fit-18 ta' Ottubru 2016 fejn cahdu l-allegazzjonijiet tal-attrici peress illi l-hsejjes abbord kienu fil-limiti accettabbli tad-*decibel level*.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi l-attrici u zewgha hallsu u embarkaw ghal cruise minn Malta ghal Malta bejn it-8 ta' Lulju 2016 u d-19 ta' Lulju 2016 abbord il-*cruiseliner* Costa neoClassica. Gew assenjat il-kabina numru 5094 klassifikata bhala "EC-Classic". Dan il-cruise gie operat mis-socjeta' intimata ghall-prezz totali ghal zewg persuni ta' €2198.00.

Illi r-rikorrenti Rita Buhagiar xehdet illi meta dahlu fil-kabina fl-ewwel lejl sabu illi ma setghux jorqdu bil-lejl minhabba hsejjes ta' vibrazzjoni li xi kultant izid u xi kultant inaqqas il-lejl kollu. L-ghada ilmentat mal-*customer care* illi baghtu fizzjal biex jivverifka tali inkonvenjent. Dan qabel maghhom li l-hoss ma kienx sapportabbli pero kabina ohra ma kellhomx disponibbli dak il-hin u minflok ir-rikorrenti gew moghtija set *earplugs*. Kien biss fis-seba' lejl illi nbiddlet il-kabina u hemmhekk ir-rikorrenti ma kellha l-ebda ilment. F'din il-kawza, qieghda titlob ir-rifuzjoni ta' €1538.72 kalkulat ghal sebat ijiem *cruise*, kollox imhallas ghal zewg persuni f'kabina tal-istess kategorija. (€2198 ÷ 10 x 7 =1538.60).

Min-naha l-ohra Alfred Capello ghas-socjeta' intimata, filwaqt illi irrikonoxxa li kull kabina ta' *cruiseliner* ikollha xi tip ta' hoss, dana dejjem ikun f'livelli accettabbli, pero ighid ukoll li kulhadd huwa differenti u dak li huwa accettabbli ghal persuna ma jfissirx li huwa accettabbli ghal persuna ohra.

Ikkunsidra

Ill huwa minnu li meta si tratta ta' inkonvenjent naxxenti minn hsejjes, il-kriterju adoperat irid ikun wiehed soggettiv peress illi mhux kulhadd jista' jissapporti l-inkonvenjet bl-istess mod. Huwa rikonxxut illi hsejjes f'din il-kabina kien hemm. tant u hekk li Alffred Capello jikkonferma li kull kabina f'*cruiseliner* hija soggetta ghal xi hsejjes - xi whud aktar minn ohrajn. F'dan il-kaz, l-istess fizzjal mibghud mill-vapur ikkonferma li l-hoss ma kienx accettabli u fil-fatt wara sebat ijiem giet mibdula l-kabina.

Illi r-rikorrenti qieghda titlob rifuzjoni shiha ghal dawk is-sebat ijiem, pero dan it-Tribunal ma jidhirlux illi din it-talba ghandha tintlahaq fl-intier taghha. L-ewwel nett ghaliex minkejja li r-rikorrenti qieghda titlob rizarciment ghal zewg persuni (presumibbilment ghal zewgha Paul Buhagiar), dan mhuwiex parti mill-kawza u lanqas ma ngieb biex jixhed u jikkonferma bil-gurament li hu ukoll kien qed ibati minn dan l-inkonvejent. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni tat-tieni persuna, ladarba ma ngabux provi li dan ukoll hu intitolat ghal xi forma ta' danni.

Illi wkoll li f'dak iz-zmien l-attrici ibbenefikat mis-servizzi kollha offruti abbord, bhall-ikel, divertiment, *swimming poo*l u attivitajiet ohra li wiehed normalment issib fuq *cruises* bhal dawn. Ghalhekk it-Trubunal jippretendi li l-attrici m'ghandhiex tithallas ghall-ammont intier ghax altrimenti tkun qieghda tarrikixxi ruhha indebitament a skapitu tal-organizzazjoni.

Pero' xi forma ta' kumpens haqqha zgur. It-Tribunal qieghed jikkalkola dan il-kumpens *arbitrio bono viri fl*-ammont ta' erba' mija u hamsin Euro (€450.00).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' in parti it-talba attrici u ghar-ragunijiet fuq imsemmija jikkundanna s-socjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' erba mija u hamsin Euro lill-attrici. (€450.00). Bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru